MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1795/2003

**Rainbow Mix Concrete Ltd (C. Reg C 6763)**

**Vs**

**Lino Spiteri**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin lira Maltin (Lm372) rappresentanti hlas fuq materjal tal-bini ordnat mill-konvenut u lilu debitament ikkonsenjat u dana skond prospett anness ma'l-avviz u imamrkat bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Awissu 1999 kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2003, meta gew ippreznetati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u sebgin lira Maltin (Lm372), bl-imghaxijiet legali mis-27 ta' Awissu 1999.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------